MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 2607/1999/1

**Five Star Hotels Limited**

**vs**

**Jason Briffa u Gordon Debono f' isimhom proprio u kif esercenti fin- negozju Time Publications u s-socjeta' Leisure Holidays Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:

Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf erbgha mija u sebgha u tletin lira maltin u hdax il-centezmu (Lm1437.11) rapprezentanti prezz ta' servizz ta' akkomodazzjoni u catering u servizzi ohra pprovduti fuq istruzzjonijiet tal-konvenuti gewwa l-lukanda Corinthia San

Gorg kif jidher minn prospett hawn annessa u mmarkat bhala Dok.A;

Illi l- konvenuti gew interpellati diversi drabi anke permezz ta’ ittra ufficjali tas-7 ta’ Ottubru 1999, izda xorta baqghu inadempjenti;

Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal- Procedura Civili (Kap 12) stante li fil-fehma tas-socjeta’ attrici l- konvenuti m’ghandhom ebda eccezzjoni x’jaghtu kontra t-talbiet tas-socjeta’ attrici u l-istanti qed jannetti affidavit hawn immarkat Dok “B” a tenur tal-istess artikolu tal-Kap.12 hawn fuq indiakti;

Talab ghalhekk lill-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi din Qorti m’ghandiex: -

1) Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b’dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2) Tikkundannahom ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm1437.11 rapprezentanti prezz ta’ servizz ta’ akkomodazzjoni u servizzi ohra pprovduti mis- socjeta’ attrici, kif hawn fuq premess;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata Ottubru 1999, u tal-mandati ta’ qbid u ta’ sekwestru li qed jigu ppresentati kontestwalment ma’ dan l- att, u bl-imghax sal-effettiv pagament kontra l- konvenuti li gew ingunti ghas- subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Mill-provi kollha prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati fil-konfront tal-konvenuti Jason Briffa u Gordon Debono f'isimhom proprio u kif esercenti n-negozju taht l-isem Time Publications. In vista ta' dak li qal ix-xhud prodott mis-socjeta attrici l-istess talbiet ma jirrizultawx sufficjentement pruvati fil-konfront tas-socjeta konvenuta. Ghalhekk l-istess talbiet attrici ghanhom biss jigu akkolti fil-konfront tal-konvenuti Jason Briffa u Gordon Debono f'isimhom proprio u kif esercenti n-negozju taht l-isem Time Publications;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici fil-konfront biss tal-konvenuti Jason Briffa u Gordon Debono f'isimhom proprio u kif esercenti n-negozju taht l-isem Time Publications u ghalhekk tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf erba mija u seba u tletin liri maltin u hdax il-centezmu (Lm1437.11) rapprezentanti prezz ta' servizz ta' akkomodazzjoni u servizzi ohra pprovduti mis-socjeta' attrici u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Tillibera lis-socjeta konvenuta Leisure Holidays Limited mil-osservanza tal-gudizzju;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti Briffa u Debono.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------